# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-11 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 596/2021 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**PC**

**Vs**

**RC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta` PC, datat 3 ta' Dicembru 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet izzewgu fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied K u J ahwa C li llum huma maggorenni;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja (Citazzjoni Numru: 144/2010, Onor. Imhallef Dr Abigail Lofaro) datata l-4 ta' Dicembru 2012 (Ara Dok B anness);*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati aktar minn ghaxar (10) snin;*

4. *Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mis-sena elfejn u tnax (2012) ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

5. *Illi skond s-sentenza ta' separazzjoni su referita, l-ebda manteniment m'huwa dovut ghall-mara. Il-manteniment ghall-ulied ai termini ta' l-istess sentenza dejjem thallas u ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

6. *Illi r-rikorrenti tixtieq illi tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' G;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

3. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'G'.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RC, datata 24 ta' Frar 2022, a fol 22 li taqra hekk:

1. *Illi filwaqt li jesprimi l-hsieb tieghu li l-ghoti tad-divorzju ser ikun kontra x-xewqa u t-twemmin tieghu, madanakollu huwa konxju li l-ligi civili tipprovdi ghall-istitut tad-divorzju avolja dan imur kontra l-morali li jhaddan l-esponent u ghalhekk qed jirrimetti ruhhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet mressqa minn martu PC permezz tar-rikors fl-ismijiet fuq premessi.*

2. *Illi l-eccepjenti jikkonferma li l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti Familja (citazzjoni numru 144/2010) moghtija mill-Onor. Imhallef Abigail Lofaro nhar l-4 ta' Dicembru 2012.*

3. *Illi ghalhekk il-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal dawn l-ahhar disa' snin u ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet dwar il-manteniment.*

4. *Illi madanakollu l-ispejjez relattivi ghal proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent u dan stante illi l-eccepjenti ma kkommetta l-ebda nuqqas fil-konfront ta' martu u ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex l-esponenti ghandu jigi kkundannat ihallas xi spejjez relattivi ghal proceduri mibdija kontra tieghu.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**PC xehdet** (vide affidavit fol 3) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-12 ta' Settembru 1993 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum magorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Onor Imhallef A. Lofro nhar il-4 ta' Dicembru 2012. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**RC xehdet** (vide affidavit fol 24) u kkonfermat u kkorrabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Settembru 1993, liema zwieg jgib certifikat numru 1719/1993 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja mill-Onor. Imhallef Abigail Lofaro nhar l-4 ta' Dicembru 2019 (vide sentenza, Dok B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat it-talba tal-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe 'G'.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1719/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-**

**divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal-kunjom xbubitha, u cioe' 'G' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**